MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 720/2012

**Fadel Al Faham Muhsen u Raheem Yakoob Oroba f'isimhom proprju kif ukoll bħala kuraturi *ad litem* ta' binthom Ryan Al Faham Muhsen**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2012 il-minuri Ryan Al Faham Muhsen ġie kjamat fil-kawża; liema digriet ġie revokat *contrario imperio* b'digriet tal- 10 ta' Diċembru 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi r-rikorrenti preliminarjament jissottometu li nhar l-20 ta' Settembru tas-sena 2011, twieldet il-minuri tifla Ryan Al

Faham Muhsen (ara ċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok FR1);

Illi r-rikorrenti huma l-ġenituri tal-minuri hawn fuq imsemmija kif jirriżulta mill-istess ċertifikat (ara Dok FR1);

Illi kif inhu evidenti mill-ismijiet u l-kunjomijiet tar-rikorrenti, huma m'humiex Maltin u għandhom diffikulta' kbira sabiex jifhmu l-lingwa Ingliża. Tant hu hekk, li l-istess rikorrenti għandhom diffikultajiet kbar sabiex jikkomunikaw ma' terzi;

Illi fiż-żmien tar-reġistrazzjoni tat-twelid tal-imsemmi minuri, l-omm antiċipat li kien ser ikun hemm problemi ta' komunikazzjoni bejn il-missier li mar jirreġistra t-tifla u l-awtoritajiet kompetenti u kien għalhekk li l-isem li r-rikorrenti kellhom f'moħħhom li jagħtu lit-tarbija tagħhom u ċjoe' *Rayan* tniżżel fuq karta li ġiet murija lill-istess awtoritajiet bil-għan li ma jkunx hemm xi forma ta' problemi fil-komunikazzjoni bejniethom (kopja ta' din l-imsemmija karta qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok FR2);

Illi minkejja dan l-isforz, jidher li xorta waħda kien hemm problemi ta' komunikazzjoni tant li l-minuri tniżżlet fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bħala *Ryan* bil-konsegwenza li tali isem qed jagħti indikazzjoni ħażina anke tas-sess tat-tarbija li hija tifla;

Illi jirriżulta ċar li hemm żball fl-isem tal-minuri *stante* li hemm l-ittra 'A' wara l-ewwel ittra 'R' nieqsa bil-konsegwenza li minflok l-isem ta' *Rayan* il-minuri qiegħda mniżżla bħala *Ryan*. Dan qiegħed iwassal għal inċertezza anke dwar is-sess tal-istess minuri *stante* li l-isem indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid jindika l-isem ta' tifel meta fil-verita' hija tifla filwaqt li żgur ser ikun sors ta' dwejjaq għall-istess minuri speċjalment la tibda l-iskola;

Illi għalhekk ir-rikorrenti umilment jissottomettu li hemm lok li jkun hemm korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Ryan Al Faham Muhseb billi tali isem jibda jaqra 'Rayan' u umilment jipprevalixxu ruħhom mill-

provvediment *ai termini* ta' Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, jgħid l-intimat għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tordna u tiddikjara li l-minuri Ryan Al Faham Muhsen, bint Fadel Al Faham Muhsen u Oroba Raheen Yakoob hija kinsistentement imsejħa u magħrufa bħala 'Rayan' u mhux bħala 'Ryan'.

2. Tiddikjara li fl-Att tat-Twelid ta' Ryan Al Faham Muhsen, bint Fadel Al Faham Muhsen u Oroba Raheen Yakoob u li jġib in-numru 3723 tas-sena 2011, fil-kolonna li tindika l-isem tal-wild, l-isem 'Ryan' għandu jiġi sostitwit bl-isem 'Rayan' biex b'hekk isem l-istess wild ikun dak ta' 'Rayan';

3. Tordna li tali bdil effettwat fl-att tat-twelid, bir-reġistrazzjoni msemmija *ai termini* tal-ewwel talba, jiġi rifless ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv tal-istess minuri Rayan Al Faham Muhsen;

U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-27 t'Awissu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi huwa indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju li jiġi msejjaħ fil-kawża l-minuri Ryan Al Faham Muhsen u li għandu jkun debitament rappreżentat mill-ġenituri tiegħu;

Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u mill-att ta' twelid li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 3723/2011 kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

Illi d-dokument immarkat Dok FR2 m'għandux valur probatorju għax la huwa ffirmat u lanqas iddatat;

Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni mill-Qorti msemmija fl-ewwel talba fir-rikors ġuramentat għandha, diverżament minn dak indikat mir-rikorrenti, tkun fis-sens li l-minuri kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem *'Rayan'* u mhux *'Ryan'* u dan abbażi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrent huwa magħruf bħala Rayan kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jridu rressqu xhieda affidabbli *viva voċe* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħhom ossia li tul ħajtu, l-minuri kien konsistentement imsejjaħ bħala Rayan u mhux Ryan;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, u ċjoe' Fadal Al Faham Muhsen li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u l-lista tax-xhieda.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat il-korrezzjonijiet awtoriżżati debitament minn din il-Qorti;

Rat l-affidavits tal-atturi;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-15 t'April 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni t'ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, *ai termini* tal-artikolu 254, saret debitament.

Illi jirriżulta li l-minuri rappreżentata mill-atturi dejjem issejħet u kitbet isimha bħala *Rayan* u mhux kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u kwindi t-talba hija ġustifikata. Il-Qorti pero' ma tistax tordna t-tiswijiet f'dawk l-atti li ma ġewx indikati fir-rikors promotorju u allura se tilqa' t-talbiet biss b'riferenza għall-atti indikat. Fir-rigward tal-ispejjeż ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas tal-konvenut u allura l-atturi għandhom iħallsu dawn l-ispejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaladqstant, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi fir-rigward tal-atti msemmija fit-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju iżda tiċħad it-tielet talba għar-raġuni ġja' ndikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu akariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------